**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' Marzu 2021**

**Rikors nru: 412/2020 AGV ;**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB, datat 30 ta' Novembru 2020, fejn espona bir-rispett u ikkonferma;**

1. Illi l-partijiet zzewegu fis- 16 ta' Mejju 1998 (certifkat taz-zwieg Dok A) u li l-hajja konjugali ta 'bejniethom giet reza mpossibbli minhabba inkomptabilita' ta' karattru u ragunijiet ohrajn;

2. Ili minn daz-zwieg il-partijiet kellhom tifla E li twiedlet fid- 9 ta' Dicembru 2000 ( certifikat tat-twelid Dok. B);
3. Illi l-partijiet ilhom separati de jure mit-3 ta' Settembru 2013 ftit iktar minn seba' snin (ara kuntratt ta' separazzjoni Dok C);
4. Illi ma hemm ebda prospett regeneovoi ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li l-partijiet ilhom seperati u ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn 4 snin, anzi aktar minn 7 snin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi ai termini tal-klawsola numru 3 tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni (Dok C), *il-partijiet qed jiddikjaraw li qed jirrinunzjaw irrevokabilment mid-dritt li jiehdu jew jitolbu manteniment minghand xulxin, u dan ghal kull raguni u anka jekk ic-cirkustanzi tal-partijiet jinbiddlu fil-futur.* Kif ukoll ai termini ta' klawsola numru 4d tal-imsemmi kuntratt, Dok C, it-tifla E hija maggorreni u llum tahdem u ghalhekk ma hemm ebda manteniment fir-rigward taghha;
6. Illi ghal ragunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiziti tal-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta huma kollha sodisfatti skont kif tirrikjedi l-Ligi u kwindi ma hemm ebda impediment ghall-hall taz-zwieg.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost l-esponenti jitlob bir-rispett lil din Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalisasi dikjarazzjoni u jew/ provvdimenti opportuni, a tenur tal-artikolu 66 A et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

1. Tippronzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet A u CD li gie ccleberat fis- 16 ta' Mejju 1998 (Dok A);

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imhohli ghal daqshekk javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti rat li fis-seduta tas- 17 ta' Marzu 2021, il-konvenuta qed taghti ruhha b' notifikata u qed tiddikjara li m'ghandhiex oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci**
**Imhallef** | **Dep Reg**